# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 28 ta' Frar 2001**

**Avviz. numru 1318/99**

**Numru 36**

**Enotria Ltd**

**vs**

**Rene Portelli**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' tlett mija u hamsa u tmenin lira Maltin u disgha u tletin centezmi (Lm385.39,0) ammont dovut mill-konvenut, rappresentanti il-prezz ta' merkanzija mibjugha "wholesale" u konsenjata lill-konvenut fuq ordni tal-konvenut stess skond l-invoices u statements gia fil-pussess tal-konvenut, annessi mal-avviz u mmarkati bhala Dok A, B, C, u D.

Bl-imghax kummercjali mid-data tal-konsenja u bl-ispejjes inkluzi (Lm10) ghaxar liri ta' konsult legali, ta' l-ittra legali tal-14 ta' Gunju 1999 kontra l-konvenut li gie nunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti annessi u markati Dok A, Dok B, Dok C u Dok D.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fis-16 ta' Frar 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm385.39,0 bl-imghax kummercjali mid-29 ta' Dicembru 1995 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi Lm10 ta' konsult legali u dawk tal-ittra legali tal-14 ta' Gunju 1999.

Alan Calleja
Dep.Reg